# Stqarrija

## 67 skola rikonoxxuti għall-impenn tagħhom biex jispiraw lill-istudenti jipproteġu lin-natura

BirdLife Malta ċċelebrat il-31 anniversarju ta' Dinja Waħda, il-programm edukattiv ambjentali ewlieni tagħha, b'ċerimonja li saret ilbieraħ fil-lukanda AX ODYCY, f'San Pawl il-Baħar.

Fiċ-ċerimonja ġew rikonoxxuti l-kisbiet ta' 63 skola primarja, erba' skejjel medji u sekondarji, 787 għalliem u 12,560 student u studenta li ipparteċipaw fil-programm Dinja Waħda waqt is-sena skolastika li għaddiet.

Sa mill-bidu tiegħu fl-1994, Dinja Waħda kiber minn inizjattiva żgħira għal programm edukattiv ambjentali ewlieni ta' BirdLife Malta imexxi f'kollaborazzjoni mad-Direttorat għall-Edukazzjoni, u appoġġjat mill-imsieħba tagħna fl-edukazzjoni, il-Bank of Valletta, li ukoll attendew għaċ-ċerimonja.

Il-mistiedna ntlaqgħu mill-mascot tagħna, il-Fjamingju qabel qattgħu ħin jagħmlu numru ta' attivitajiet li kienu kkordinati mit-timijiet tal-*public engagement*, tar-riservi u tal-konservazzjoni, li ppromwovew ix-xogħol li tagħmel BirdLife Malta u qajjmu għarfien dwar fost oħrajn l-għasafar urbani li jgħixu madwarna.

Iċ-ċerimona ta' din is-sena ntroduċiet inizjattivi ġodda fl-iskejjel medji u sekondarji, aġġornamenti dwar il-proċess ta' akkreditazzjoni ta' dan il-programm u stejjer ta' suċċess minn numru dejjem jikber ta' skejjel li qed jnisslu valuri ambjentali fost it-tfal b'dan il-programm.

Il-kelliema tkellmu dwar l-importanza li t-tfal ikunu f'kuntatt man-natura speċjalment f'sitwazzjonijiet fejn l-ispazji naturali miftuħa qed jgħibu minħabba l-iżvilupp. Waqt l-attività saru numru ta' presentazzjoniiet, intwerew filmati u ingħataw unuri u ċertifikati lill-iskejjel għall-impenn tagħhom favur in-natura.

Permezz tal-programm Dinja Waħda, l-għalliema jintegraw attivitajiet ibbażati fin-natura f'lezzjonijiet filwaqt li l-istudenti jitgħallmu kif iħarsu l-bijodiversità ta' Malta b'diversi attivitajiet prattiċi u azzjoni fil-komunità.

Il-programm qed ikompli jikber u joffri kemm tgħalim fil-klassi kif ukoll barra mill-klassi, permezz tal-pjattaforma online dinjawahda.birdlifemalta.org

Dawk l-għalliema interessati li jipparteċipaw f'Dinja Waħda jistgħu jagħmlu kuntatt magħna permezz tal-email: dinjawahda@birdlifemalta.org

**TMIEM**


**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Antonia Micallef
Public Engagement Executive BirdLife Malta
Tel: 2134 7645 Ext. 512
Mob: +356 9986 1436
Email: antonia.micallef@birdlifemalta.org


**Ħoloq utli: Dinja Wahda | BirdLife Malta's School Activities Programme**

Biex issir membru ta' BirdLife Malta
http://birdlifemalta.org/become-member/

**Ritratti:**
Mehmuż sitt ritratti meħuda minn João Candeias minn BirdLife Malta waqt iċ-ċerimonja tal-bieraħ.